MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2003

Il-Pulizija
(Sp Louise Vella
Sp Kevin Farrugia)
vs
Anthony Bonello, iben Francis,
imwieled Pieta' fid-29 ta' diċembru, 1975

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-1 ta' frar, 2003, f'xi ħin wara nofs in-nhar, fil-fond numru 4, Triq is-Sissla, Msida u /jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, bil-vjolenza kkometta stupru vjolenti fuq il-persuna ta' Maria Cassano;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkometta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' l-istess Maria Cassano;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta,

żamm jew issekwestra lill-imsemmija Maria Cassano kontra
l-volonta’ tagħha u heddiha bil-mewt u liema delitt sar bħala mezz biex
l-imsemmija Maria Cassano tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal
xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi uża vjolenza sabiex ġiegħel lil Maria Cassano tagħmel, tħalli jsir jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa;
5. talli fl-istess data, fil-waqt li kien qiegħed jagħmel delitt kontra l-persuna ta’ maria Cassano, kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari (sikkina);
6. talli fl-istess data, fin-Naxxar u lokalitajiet oħra f’xi ħin wara nofs in-nhar,
bil-ħsieb li jikkaġuna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ PC914 Ivan Mifsud, uffiċjal inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku fil-qadi ta’ dmirijietu, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi saq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAB 536, fid-direzzjoni tiegħu, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;
7. talli fl-istess data, f’xi ħin wara nofs in-nhar, f’San Pawl il-Baħar, u f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gżejjer naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija jew ta’ wieħed li jkun inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku fil-qadi ta’ dmirijietu;
8. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq l-istess vettura, bin-numru tar-reġis-
trazzjoni IAB 536, kontra s-sinjali ndikati f’dik il-lokalita’;
9. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq il- vettura, bin-numru tar-reġis-trazzjoni IAB 536, bi speed eċċessiv;
10. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għadda minn fuq ‘traffic lights’ waqt li kienu qed jixgħelu ħomor jew amber;
11. talli fl-istess data, f’San Pawl il-Baħar u f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gżejjer saq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAB 536, bla kont;
12. talli kellu f’idejh jew fuqu sikkina ta’ kull xorta li tkun, b’xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' frar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-psikjatra Dr. David Cassar.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 86, 87(1)(ċ)(f)(g), 198, 41(1)(a), 214, 215, 216 u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 13(1)
tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta u A. L. 128 ta' l-1994. Tikkundannah għal piena ta' erba' snin priġunerija. Tordna li l-liċenzja tiegħu tas-sewqan tiġi sospiża għal perjodu ta' sitt xhur wara li jiskonta l-piena karċerarja. Tordna li fl'aħjar interess u bħala parti tar-riabilitazzjoni ta' l-imputat, hu għandu jitqiegħed taħt is-sorveljanza speċifika tal-psikjatra Dr. David Cassar. Billi Dr. David Cassar hu l-psikjatra kuranti ta' l-imputat, l-istess Dr. David Cassar għandu jkun l-uniku psikjatra responsabbli għall-kura ta' l-imputat. Tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Corradino biex jiżgura li din is-sentenza tiġi osservata kif ordnat.

-------------------------------TMIEM-------------------------------